# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2018**

**Numru 8**

**Rikors maħluf numru 23/2011 GG**

**Melina Micallef**

***v.***

**Kummissarju tal-Artijiet,**
**illum Awtorità tal-Artijiet**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-Imħallef Giannino Caruana Demajo u tal-Imħallef Noel Cuschieri mressqa mill-attriċi taħt l-art. 734(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> »… … …
>
> »(*d*) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,
>
> » (ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala mħallef jew bħala arbitru:
>
> » Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet … … …«

2. Il-fatti relevanti huma dawn: quddiem din il-qorti qamet kwistjoni dwar il-ksur tal-artt. 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-qorti, għalhekk, wara li rat l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, bagħtet il-kwistjoni ["ir-Referenza"] quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

3. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wieġbet bi provvediment tal-4 ta' Ottubru 2016 li minnu l-Kummissarju tal-Artijiet appella quddiem il-Qorti Kostituzzjonali b'rikors tal-14 ta' Ottubru 2016.

4. Relevanti għall-għanijiet tal-eċċezzjoni ta' rikuża huwa l-fatt illi ż-żewġ imħallfin li dwarhom tressqet l-eċċezzjoni huma membri kemm tal-Qorti Kostituzzjonali (li semgħet l-appell mill-provvediment tal-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Ottubru 2016 u hekk tat it-tweġiba għar-Referenza) kif ukoll ta' din il-qorti li kienet għamlet ir-Referenza u li sejra tkompli tisma' l-appell ċivili wara li ntbagħtilha t-tweġiba għar-Referenza u li hija marbuta li tiddisponi mill-kwistjoni ċivili fid-dawl tad-deċiżjoni fuq ir-Referenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali.

*Dwar il-para. (i)*

5. Huwa minnu illi l-imħallfin "kitbu" dwar il-kawża meta, bħala membri tal-Qorti Kostituzzjonali, wieġbu għall-mistoqsijiet tar-Referenza li kienu ifformulaw huma stess bħala membri ta' din il-Qorti tal-Appell. Madankollu, bħala membri tal-Qorti Kostituzzjonali ma qalu xejn dwar kif kellha tinqata' l-kawża ċivili iżda biss wieġbu għall-mistoqsijiet

speċifiċi tal-kwistjoni kostituzzjonali mqanqla waqt il-kawża ċivili. Huwa minnu li t-tweġibiet mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali jkollhom effett fuq kif tinqata' l-kawża ċivili mill-Qorti tal-Appell, kif wara kollox kull deċiżjoni dwar episodju f'kawża jista' jkollha effett fuq l-eżitu finali. Tassew illi l-imħallfin bħala membri tal-Qorti tal-Appell huma marbutin bid-deċiżjoni li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali iżda dan kien ikun il-każ ikunu min ikunu llum l-imħallfin membri tal-Qorti tal-Appell; l-imħallfin ma humiex aktar marbuta bit-tweġibiet billi kienu membri tal-qorti li tat dawk it-tweġibiet. Li kieku l-kwistjoni kostituzzjonali flok qamet quddiem il-Qorti tal-Appell qamet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-istess imħallef kien igħid x'inhi l-kwistjoni, iwieġeb għaliha hu (billi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha wkoll kompetenza kostituzz-jonali) u jkompli bis-smigħ tal-kawża ċivili li eventwalment jaqtagha hu ukoll, fid-dawl ta' dak li jkun ġà iddeċieda dwar l-episodju kostituzz-jonali, bla ma jkollu jastjeni wara li jkun ifformula l-kwistjoni u wieġeb għaliha. Għall-istess raġuni, ma hemm xejn xi jżomm lill-imħallfin rikużati milli issa, bħala membri tal-Qorti tal-Appell, jaqtgħu il-kawża fid-dawl ukoll tat-tweġibiet li tat il-Qorti Kostituzzjonali li tagħha huma membri wkoll.

*Dwar il-para. (ii)*

6. Dak li iddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali huwa biss episodju fil-kawża u dik il-qorti ma qatgħetx "definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet". Il-"kawża" llum quddiem din il-qorti hija l-kwistjoni ċivili; din il-qorti ma hijiex sejra terġa' tqis il-kwistjoni kostituzzjonali li issa hija

episodju magħluq iżda sejra tqis il-kwistjoni ċivili li għadha pendenti. Huwa minnu, jerġa jingħad, illi d-deċiżjoni fuq il-kwistjoni kostituzzjonali jkollha effett fuq id-deċiżjoni definitiva dwar il-meritu ċivili, iżda b'hekk ma jfissirx illi ġà nqatgħet definitivament il-kawża. Deċiżjoni li ssib konvenut responsabbli għal inċident ċertament ikollha effett fuq id-deċiżjoni dwar jekk dak il-konvenut għandux jiġi kundannat iħallas id-danni, iżda dan ma jfissirx li l-imħallef li jkun ta s-sentenza dwar responsabilità għandu jiġi rikużat milli jkompli jisma' l-kawża biex jiddeċiedi dwar il-kundanna għad-danni. Bl-istess mod fil-kawża tallum, il-Qorti Kostituzzjonali qatgħet episodju fil-kawża iżda ma qatgħetx definitivament il-kwistjoni bejn il-partijiet.

7. Għal dawn ir-raġunijiet ma hemm xejn xi jżomm lill-imħallfin rikużati milli jkomplu jisimgħu l-appell ċivili, jiddeliberaw u jagħtu deċiżjoni dwaru.

8. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża u tordna li jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom l-attriċi Melina Micallef.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm